# IT-TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

**Ġudikatur**
**AVV. JULIANA SCERRI FERRANTE**

**Seduta tat-22 ta' Ġunju 2020**

**Talba numru 33/2020SFJ**

1. ***MAPFRE Middlesea plc (C5553) kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurat tagħha Keith Carabott abbażi tal-polza tal-assigurazzjoni u tal-liġi; u***

2. ***Keith Carabott (179394M)***

***vs.***

***Joseph Falzon (738058M)***

**SENTENZA DWAR L-EWWEL EĊĊEZZJONI MRESSQA MILL-KONVENUT**

**It-Tribunal:**

Ra l-Avviż tat-Talba ippreżentat fid-29 ta' Jannar 2020 li permezz tiegħu s-soċjetà attriċi ppremettiet u talbet:

> *"Illi nhar it-28 ta' Marzu 2018, l-attur Carabott, waqt li kien qed isuq il-vettura bin-numru ta' reġistrazzzjoni KWJ184, kien involut f'inċident ma' kelb proprjetà tal-konvenut.*
>
> *Illi in vista tal-fatt illi l-vettura KWJ184, proprjetà tal-attur Carabott, kienet koperta b'polza ta' assigurazzjoni fully comprehensive maħruġa mis-soċjetà attriċi, din is-soċjetà għamlet tajjeb għad-danni fl-ammont ta' elfejn u wieħed u tmenin Ewro u tmienja u għoxrin ċenteżmu (€2,081.28) filwaqt illi tlett mija u ħamsin Ewro (€350)*

*tħallsu mill-attur Carabott, u dan kif spjegat aħjar fil-prospett hawn anness u mmarkat bħala Dok. A.*

*Illi l-inċident seħħ unikament minħabba tortijiet attribwibbli lill-konvenut ai termini, inter alia, tal-artikolu 1040 tal-Kodiċi Ċivili, u dan kif ser jirriżulta waqt is-smigħ tal-kawża.*

*Għaldaqstant, l-esponenti jitolbu li dan l-Onorabbli Tribunal:*

1. *Jiddikjara li l-konvenut huwa unikament reponsabbli għall-inċident mertu tal-kawża;*

2. *Jillikwida d-danni sofferti mill-atturi fl-ammont komplessiv ta' elfejn, erba' mija u wieħed u tletin Ewro u tmienja u għoxrin ċenteżmu (€2,431.28) li minnhom tlett mija u ħamsin Ewro (€350) huma pagabbli lill-attur Carabott, jew somma verjuri li għandha tiġi ddikjarata minn dan l-Onorabbli Tribunal, jekk hemm bżonn bl-opera ta' periti nominandi;*

3. *Jordna u jikkundanna lill-konvenut sabiex iħallas lis-soċjetà attriċi dik is-somma hekk likwidata.*

*Bl-imgħax u bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-ittra legali datata 26 ta' Awwissu 2019 (Dok. B) kontra l-konvenut li minn issa stess huwa inġunt għas-subizzjoni tiegħu.*"

Ra d-dokumentazzjoni kollha annessa mal-Avviż tat-Talba;

Ra r-Risposta li ġiet ippreżentata mill-konvenut fis-27 ta' Frar 2020 li permeżż tagħha tressqu s-segwenti eċċezzjonijiet:

"*Risposta tal-intimat Joseph Falzon li permezz tagħha jesponi s-segwenti:*

*Illi preliminarjament, in-nuqqas ta' kompetenza tat-Tribunal stante li t-tilwima taqa' taħt it-Taqsima A tal-Kap. 387 tal-Liġijiet ta' Malta;*

*Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, is-soċjetà rikorrenti għandha ġġib il-prova li hija wettqet il-passi kollha neċessarji biex tipprova li seħħet tali allegata surroga;*

*Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, it-talbiet attriċi huma infondati kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż stante li l-inċident de quo ma seħħx b'xi nuqqas da parti tal-esponenti;*

*Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, kull allegazzjoni tar-rikorrenti għandha tiġi ppruvata sal-grad rikjest mill-liġi;*

*Salv eċċezzjonijiet oħra.*"

Ra li fl-udjenza tat-2 ta' Marzu 2020, l-atturi taw ruħhom b'notifikati bir-Risposta. Fid-dawl tal-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut, it-Tribunal kien ikkonċeda lill-konvenut ġimgħatejn għal nota ta' sottomissjonijiet b'ġimgħatejn oħra għal nota responsiva tal-atturi.

Ra n-nota tal-konvenut ippreżentata fil-5 ta' Marzu 2020 u n-nota responsiva tal-atturi ippreżentata fis-7 ta' Mejju 2020.

Ra li l-kawża tħalliet għal sentenza dwar l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut.

**<u>Konsiderazzjonijiet</u>**

Din hija sentenza preliminari dwar l-ewwel eċċezzjoni mressqa mill-konvenut. L-istess konvenut jikkontendi li din l-azzjoni messha saret *ai termini* tal-Kap. 387 tal-Liġijiet ta' Malta u mhux quddiem dan it-Tribunal.

Huwa evidenti min-noti ta' sottomissjonijiet li l-partijiet jaqblu li dan il-każ jirrigwarda ħsarat li saru mill-kelb tal-konvenut fuq il-vettura tal-attur Keith Carabott.

It-Tribunal jagħmel tiegħu l-ispjegazzjoni tal-Qorti tal-Appell fis-sentenza ***<u>Elmo Insurance Limited vs. Kunsill Lokali Gżira</u>*** (Appell numru 21/2012AE deċiż fis-27 ta' Ottubru 2015) fejn intqal:

"*It-Titlu ta' regolament 1.2 ta' Skeda numru 4 hu* **Tilwimiet dwar it-Traffiku ta' Vetturi bil-Mutur** *u mhux Tilwimiet dwar Vetturi bil-Mutur. Ghal din il-qorti minn dan it-titlu hu car li l-procedura ta' arbitragg mandatorju ma japplikax f'kull kaz ta' hsara involontarja fejn tkun involuta vettura. Li kieku l-legislatur kellu l-intenzjoni li din il-procedura tapplika ghal kull kaz bhal dak kien jipprovdi regolament generali, kif ghamel fil-kaz tal-tilwim li ghandu x'jaqsam mal-provista tal-elettriku u l-ilma u fejn ried jeskludi r-regolament qal espressament (regolament 1.3).*"

Fl-istess sentenza, il-Qorti tal-Appell kompliet tgħid:

"*Din il-qorti zzid li anke fejn hemm dubju, dan ghandu jmur kontra l-applikazzjoni tal-procedura tal-arbitragg mandatorju li wara kollox hi ta' natura straordinarja gialadarba l-arbitragg hu min-natura tieghu fakoltattiv u fil-principju jesigi l-kunsens tal-partijiet.*"

It-Tribunal jirreferi anki għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet ***<u>Argus Insurance Agencies Limited noe et vs. Kunsill Lokali Naxxar et</u>*** (Appell numru 859/2015 deċiż fid-29 ta' Lulju 2016) fejn deċiżjoni ta' dan it-Tribunal (diversament ippresedut) ġiet irrevokata wara li f'dik l-okkażjoni partikolari, dan it-Tribunal (diversament ippresedut) kien akkolja l-eċċezzjoni li huwa ma kellux ġurisdizzjoni sabiex jiddeċiedi l-każ.

Fid-dawl ta' dan u in segwitu tal-ġurisprudenza hawn ċitata, it-Tribunal ma jarax li hemm lok sabiex jilqa' l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut.

**<u>Deċide</u>**

Għaldaqstant, it-Tribunal, wara li qara l-atti, inklużi n-noti ta' sottomissjonijiet relattivi, jiċħad l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut u jordna l-prosegwiment tal-kawża.

**AVV. JULIANA SCERRI FERRANTE**
**B.A., L.P., Mag. Jur. (Int. Law), LL.D.**
**Ġudikatur**